

# Konfraternitajiet tal-Immakulata

**minn Anton Attard**

Hawn Malta, id-devozzjoni lejn l-Immakulata tmur lura mijiet ta' snin. Tant li fil-viżta Pastorali ta' Mons. Dusina f'Malta fl-1575, dan sab żewġ knejjes iddedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu. Dawn kienu waħda f'Bormla u oħra fl-Imsida. Jixhed il-qedem tagħhom il-fatt li fil-bidu kienu kappelli mħaffrin fil-blat. Aktar tard, din id-devozzjoni kompliet toktor u f'diversi nħawi, issarfet fi twaqqif ta' Fratellanzi tal-Immakulata.



L-Istatwa għanja u devota ta' Marija Immakulata li nhar it-8 ta' Diċembru tkun armata fis-Santwarju ta' Bormla saret fuq disinn ta' Abram Gatt.

## Bormla fuq Quddiem

L-ewwel fost dawn il-fratellanzi f'Malta kienet dik f'Bomla. Din twaqqfet f'Diċembru tal-1581 u fl-1602 ixxierket ma' dik ta' *San Lorenzo in Damaso* ta' Ruma. Wara xi snin din għaddiet minn diffikultajiet u aktarx ma baqgħetx tiffunzjona bħal dari. Fl-1762 reġgħet issaħħet bl-Isqof tad-djoċesi Mons. Rull japprova statuti ġodda biex għal darb'oħra taffilja ma' dik ta' Ruma ġa msemmija. Hi tassew ħasra li, mal-mogħdija tas-snin, din ma baqgħetx tiffunzjona.

## Fil-Birgu

Sa tmiem is-Seklu Tmintax u l-bidu ta' dak ta' warjah, f'Malta laħqu twaqqfu sitt fratellanzi oħra. Hu magħruf li sa minn qabel l-1646, kienet twaqqfet waħda fil-Knisja Parrokkjali ta' San Lawrenz, il-Birgu. L-artal tagħha fil-knisja kien dak iddedikat lill-Kunċizzjoni li twaqqaf minn Antonio Fava fl-1602. L-għadd ta' fratelli msieħbin fiha kien imdaqqas ġmielu tant li fl-1671 kienet f'qagħda finanzjarja tajba biżżejjed li setgħet tibni oratorju mal-istess knisja, fejn l-imsieħbin kienu jiltaqgħu



Waħda miż-żewġ surgentini tal-fidda li jintużaw waqt il-purċissjoni.



L-Istatwa ta' Marija Immakulata skulturata fl-injam minn Mastru Xandru Farrugia fl-1838. Hi waħda mill-isbaħ xogħlijiet ta' dan l-artist Żejtuni.



L-isqof tad-Djoċesi Mons. Bartolomeo Rull



Il-pittura tal-artal tal-Kunċizzjoni

għat-talb u devozzjonijiet oħra kull nhar ta' Tnejn u fir-Raba' Ħadd tax-xahar. Devozzjoni li kompliet toktor tant li minn qrib l-1685, din il-Konfraternità kienet tiċċelebra l-festa tal-Kunċizzjoni fil-Birgu b'purċissjoni bi statwa li kellha u tkompli b'aktar devozzjonijiet wara, tul jiem l-Ottava tagħha.

Fl-1838, kienet bidlet l-istatwa ma' dik tal-lum, xogħol mill-isbaħ ta' Xandru Farrugia.

Din il-Fratellanza kompliet issaħħet u lejn il-bidu tas-Seklu Għoxrin kienet għadha fl-aqwa tagħha. L-artal tagħha kien fost l-isbaħ u l-aktar armati, l-aktar meta lejn l-1905 ħallset biex sar ventartal tal-fidda u gandlieri arġentati, kollha fuq disinn tal-imgħallem Vittoriosan Ġużè Decelis.

## Fl-Isla

Fl-Isla, il-kult tal-Immakulata jmur lura għal żmien il-parrokat tal-kappillan ħabrieki Dun Cosimo Talavera (1617–1638). Dan, sena wara li wasal l-Isla, fil-Knisja Parrokkjali ta' dak iż-żmien kien żied żewġ artali; wieħed ġie ddedikat lil San Carlo Borromeo u l-ieħor lill-Kunċizzjoni. Kien fuq dan tal-aħħar li tqegħdet l-istatwa tal-Bambina, wara li



L-istatwa tal-Kunċizzjoni, xogħol Majanu Gerada



Il-pittura tal-artal tal-Kunċizzjoni fl-Isla

waslet fl-Isla. B'rabta ma' dan l-artal, fl-1686, kienet twaqqfet Konfraternità tal-Kunċizzjoni li kienet tiċċelebra l-festa tagħha b'purċissjoni nhar it-8 ta' Diċembru u oħra fir-raba' Ħadd ta' Mejju, u tkompli b'għadd ta' quddies tul l-Ottava tagħhom.

L-istatwa proċessjonali ta' din il-fratellanza hi waħda mill-isbaħ, xogħol Marjanu Gerada, li llum tinsab fis-sagristija tal-knisja.

## Fir-Rabat u f'Ħaż-Żebbuġ



L-Isqof Alpheran de Bussan

Fit-18 ta' Diċembru 1731, l-Isqof Alpheran de Bussan approva t-twaqqif ta' Konfraternità fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl, ir-Rabat. Sa minn sena qabel, id-devoti tal-Immakulata bdew jiċċelebraw il-festa tagħha fuq l-artal tal-Madonna tal-Grazzja li, ftit wara, iddedikawh lill-Kunċizzjoni.

Għalkemm fuq skala aktarx iżgħar, Ħaż-Żebbuġ intrabat ukoll mal-kult lejn il-Konċepiment Immakulat ta' Marija Santissima. Fl-1777, Dun Ġużepp Galea flimkien ma' oħrajn kien waqqaf Sodalità tal-Kunċizzjoni li kienet tiċċelebra l-festa tagħha fuq l-artal ta' Santu Rokku, fejn kien tqiegħed kwadru bi xbieha tal-Immakulata, li kien ġie trasferit fuq dan l-artal minn fuq dak iddedikat lil Santa Katerina.

## Għand il-Franġiskani Konventwali



L-Isqof Mons. Michele Balaguer

L-Ordni Franġiskan hu magħruf bħala l-promutur prinċipali tad-devozzjoni lejn l-Immakulata. Bħalma għamlu fil-Punent Kattoliku, il-Franġiskani kienu determinati li jsaħħu dan il-kult f'Malta wkoll, tant li fil-knejjes tal-Franġiskani Konventwali twaqqfu żewġ fratellanzi. Waħda fil-belt kapitali ta' Malta fl-1636 u oħra fil-kapitali Għawdxija fid-29 ta' Jannar 1663. L-istatuti ta' din tal-aħħar, għal xi raġuni, ġew approvati 93 sena wara mill-Isqof Mons. Bartolomeo Rull fit-8 ta' Ġunju 1760.

Dik fil-Knisja Franġiskana tal-kapitali ta' Malta twaqqfet bit-tħabrik ta' Fr Daniele Greco u Fr Bernardo Pace, li waqqfu t-tieni Fratellanza tal-Kunċizzjoni f'Malta wara dik ta' Bormla. Dan seħħ wara li l-Isqof Mons. Michele Balaguer ta l-approvazzjoni tiegħu nhar it-30 ta' Awwissu, 1636. Sena wara, is-superjur tal-Konventwali f'Malta, Fra Filippo Cagliola laqqa' l-ewwel konsulta ġenerali, fejn ġie approvat l-istatut, li hu kien ħejja għall-Fratellanza u fiha, wara votazzjoni, Pompeo de Fiore nħatar l-ewwel rettur.

Ftit wara l-fondazzjoni tal-Fratellanza, il-fratelli ngħataw il-kustodja tal-artal iddedikat lill-Madonna ta' Monserrat. Iżda ħames snin wara, bidlu l-kwadru ta' Monserrat u minfloku ddedikaw l-artal lill-Kunċizzjoni. Il-kwadru titulari kien pittru Luca Garnier. Aktar tard, dan inbidel ma' ieħor tal-Gagliardi.

L-imseħbin komplew joktru u ma' dawk tal-bidu żdiedu oħrajn bħal saċerdoti, fosthom l-Isqfijiet Paolo Alpheran, Ferdinando Mattei u Franceso Saverio Caruana. Kien hemm ukoll kavallieri prominenti, fosthom il-Gran Mastru Pinto, li kien ukoll inħatar rettur. Kien hemm ukoll diversi neguzjanti magħrufa u magħhom mgħallmin mill-aqwa ta' diversi snajja'.

Fil-bidu kienu jiltaqgħu f'waħda mill-kmamar tal-kunvent u aktar tard, f'Oratorju li sawru f'waħda mis-swali wara l-artal maġġur. Dak tal-lum, li hu wieħed mill-isbaħ sar fl-1923 wara li fejn kienu kien meħtieġ biex setgħet titkabbar il-knisja.

Meta fl-1854 ħarġet id-Domma tal-Konċepiment Immakulat ta' Marija, ma setax jonqos li l-Fratellanzi taħt dan it-titlu ma jkunux il-protagonisti fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru. Iżda l-aktar li dehret il-Fratellanza tal-Belt kienet fl-1904, f'għeluq il-50 sena tad-Domma. F'din l-okkażjoni, din il-Fratellanza, organizzat festi kbar li laħqu l-quċċata tagħhom bi tlugħ ta' statwa tal-Kunċizzjoni, fuq il-faċċata tal-Knisja ta' Santa Barbara, fit-triq prinċipali tal-Belt Kapitali.

Min-nofs is-seklu Għoxrin, ħafna mill-fratellanzi fil-knejjes tagħna bdew sejrin lura u ħafna minnhom, sfortunatament, ma baqa' xejn minnhom għajr l-istandardi tagħhom fil-purċissjonijiet tal-festa. Iżda b'sodisfazzjoni, il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni tal-Minuri Konventwali tal-Belt għadha attiva. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-laqgħat li jsiru minn żmien għal ieħor għall-fratelli mseħbin u l-parteċipazzjoni tagħhom f'diversi funzjonijiet, l-aktar fil-festa tal-Immakulata ċċelebrata f'dik il-knisja Franġiskana.


Bibliografija:

Achille Ferres, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo,* Malta, 1866

P. P. Castagna, *L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha,* Malta 1888

Fr Joe Calleja, *Devozzjoni u Kultura, Malta 1999*